TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU: 129

KAZ NRU: 170

Fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

it-Taqsima Tessuti tal-General Workers Union ghan-nom ta' Sur Tony Spiteri

u

Messrs Imperial Products Limited

dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.

Data: 19 ta' Awissu, 1982

Chairman: A. Debono C.P.A.A.

B'ittra tas-16 ta' Novembru, 1981, l-Onorevoli Ministru tax-Xoghol, Kultura u Ghajnuna Socjali irreferiet lil dan it-Tribunal taht id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 28(2) ta' l-Att Nru XXX ta' l-1976, il-kwistjoni tax-xoghol bejn il-partijiet fuq imsemmija. Dan il-kaz huwa dwar tkeccija tas-Sur Tony Spiteri mid-Ditta tal-Imperial Products Limited, tal-Marsa Industrial Estate, Marsa, tkeccija lill-appellant jallega li kienet ingusta.

2. It-Tribunal laqqa tlett seduti li fihom l-appellant deher ghalih is-Sur A. Micallef, Segretarju, Taqsima Tessuti tal-General Workers' Union, waqt li l-kumpanija kienet rappresentata mis-Sur L. Freedman, Managing Director u s-Sur J. Visanich, Personnel Manager tal-kumpanija li kienu meghjuna mis-Sur A. Tabone.

3. Statement of Case (fil-qosor)

i) Ghall-Appellant: Is-Sur Arthur Micallef issottometta li s-Sur Tony Spiteri li kien ilu mpjegat mal-kumpanija minn April 1976, kien tkecca ngustament nhar it-23 ta' Ottubru 1981, ghaliex nhar il-31 ta' Awissu 1981, ma attendiex ghax-xoghol "fuq ordni tat-Tabib Dr J. Saliba

.../2

li kkonferma li fid-dáta msemmija is-Sur Spiteri ma kienx jiflah u ghalhekk ma kienx kapaci jidhol ghax-xoghol." Is-Sur Spiteri gie mghoti l-avviz ta' sensja ghaliex l-appellant ma kienx gie ikkonfermat marid f'dak il-jum mit-Tabib tal-kumpanija Dr A. Bonnici.

Xi tliet snin ilu s-Sur Tony Spiteri kien korra fuq ix-xoghol u kien gie ezaminat mit-Tabib tal-kumpanija fejn kien ikkonferma li s-Sur Spiteri ma kellu xejn x'jimpedih milli jkompli jaqdi d-dmirijiet normali tieghu.

Il-Management, kompla jghid is-Sur Micallef, deherlu li ma kellux joqghod fuq id-decizjoni tat-Tabib tal-kumpanija u baghat lis-Sur Spiteri l-isptar ta' San Luqa fejn gie kkurat ghall-korriment serju; tant li ghadu sal-lum jattendi perjodikament ghall-kura mehtiega f'dirajh il-leminija. Dan il-fatt il-Union qieghda tesponieh biex turi b'liema mod is-Sur Spiteri gie ttrattat mit-Tabib tal-kumpanija f'din l-okkazjoni u li b'hekk inholoq certu dubbju dwar ic-certifikazzjoni tieghu nhar il-31 ta' Awissu, 1981 meta l-appellant ma thalliex jattendi ghax-xoghol minn Dr Joe Saliba li c-certifikat tieghu l-Union issostni ghandu jitqies validu.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Union titlob lill-kumpanija biex is-Sur Spiteri jithallas taz-zmien li ghamel wieqaf mix-xoghol minn meta spicca mill-Imperial Products Limited sa meta beda jahdem fl-impieg li ghandu sal-lum, inkluz il-kontribuzzjonijiet tas-Sigurita Nazzjonali.

ii) <u>Ghall-Kumpanija</u>: Is-Sur A. Tabone ssottometta li l-impieg tas-Sur Tony Spiteri gie terminat nhar it-23 ta' Ottubru 1981 wara li falla li jmur ghax-xoghol minghajr raguni valida.

Il-Collective Agreement bejn il-kumpanija u l-Union li jirregola l-kondizzjonijiet tax-xoghol jinkludi Klawsoli Nru 14 u 15 li jitkellmu dwar il-proceduri li jikkoncernaw l-assenza minn fuq ix-xoghol u r-rikonoxximent tac-certifikati tat-Tabib tal-kumpanija rispettivament. Il-pozizjoni li tirrigwardja assenza kawzata mill-mard kienet giet ikklarifikata permezz ta' Memorandum mahrug lill-impjegati nhar il-5 ta' Gunju 1981. Kien hemm certu suspetti dwar il-genwita ta' meta

.../3

l-appellant kien jghid li ma jiflahx, tant li f'Awissu ta' 1980 kien ilmenta li ma kienx jiflah u kien intbaghat id-dar, u meta dak in-nhar stess it-Tabib tal-kumpanija mar jinvistah id-dar tieghu, ma rrizultax li din l-azzjoni kienet iggustifikata. B'konsegwenza ta' dan il-fatt is-Sur Spiteri kien gie "Downgraded" u mwissi li jekk jerga' jikser ir-regolamenti tal-kumpanija jistghu jittiehdu passi dixxiplinarji ohra. Is-Sur Spiteri kien ghamel offisa ohra simili f'Mejju ta' 1981 u kien inghata twissija.

Nhar il-31 ta' Awissu, 1981, is-Sur Spiteri kien rega' rraporta marid u meta t-tabib tal-kumpanija kien mar invistah id-dar, kien sab li ma kien ibati minn ebda mard li jiggustifika li jassentih minn fuq ix-xoghol ghal dak in-nhar. Hu kien gie mwissi li jekk ma jaghtix raguni sodisfacenti bil-miktub jigi mkecci mit-23 ta' Ottubru 1981. L-appellant kien ipproduca certifikat minn ghand it-Tabib privat tieghu li kien jghid li s-Sur Spiteri kien ibati minn "Rhinitis". Dan ic-certifikat ma giex ikkonsidrat sodisfacenti u fir-risposta tieghu l-appellant kien semplicement iggustifika l-assenza tieghu billi qal li hu mexa fuq il-parir tat-tabib tieghu. Il-kumpanija ma accettatx din l-ispjegazzjoni bhala raguni tajba u valida biex is-Sur Spiteri assenta ruhu.

Wara li l-Management kien baghat zewg ittri u baqghu ma gewx risponduti, l-impieg tas-Sur Spiteri kien gie terminat.

Meta d-Dipartiment tax-Xoghol pprova jaghmilha ta' medjatur permezz li jlaqqa z-zewg partijiet, ghalkemm il-Managing Director u l-Personnel Manager attendew ghal-laqgha ta' konciljazzjoni, kemm is-Sur Spiteri u kemm ir-rapresentant ta' l-Union ma attendewx: ghaldaqstant il-Management assuma li s-Sur Spiteri kien accetta li t-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu kienet ghal kawza gusta.

Fis-sitwazzjoni delikata li l-industriji orjentati ghal-esportazzjoni qeghdin ihabbtu wicchom maghha, huwa ta'mportanza kbira li kull haddiem jaghti l-kontribuzzjoni tieghu fl-entrapriza li jahdem. Impjegat li jahli zmien fuq ix-xoghol jew jaghmilha ta' marid biex jiskarta dmirijiet u johloq problemi lill-Management minnhabba l-agir hazin tieghu, dan ma jistax ma jigiex ikkunsidrat bhala piz li jfixkel

.../4

il-produzzjoni u lil Management fl-isforzi tieghu biex jikkoncentra fl-attivitajiet tal-kumpanija u b'hekk jkunu jistghu jzommu l-haddiema fl-impieg. Is-Sur Spiteri, tenm jghid is-Sur Tabone, kien sfortunatament wiehed minn dawn it-talin ta' haddiema li l-kumpanija kellha ttemm l-impieg tieghu li fl-opinjoni taghha kienet ghal raguni tajba u sufficjenti.

4. <u>Lista ta' Dokumenti Sottometti</u>:

i) Collective Agreement bid-data tas-6 ta' Settembru 1977 u ittra bid-data tad-9 ta' Dicembru 1980 mill-General Workers' Union lil Imperial Products Ltd.

ii) Zewg (2) Certifikati minn Dr Lawrence Fenech B.Sc B.Pharm., MD MRCGP

iii) Erba (4) Certifikati minn Dr A Bonnici MD MRSH

iv) Zewg (2) Talbiet ghal Beneficcju ghal Mard - Senglea Police Station

v) Certifikat minn Dr Ronnie Agius B.Ch.D.

vi) Minn St Luke's Hospital:-
   a) Tliet (3) Certifikati mis-Surgical Out Patients
   b) Certifikat mill-X Ray Dept
   c) Certifikat mill-Assistant Physician
   d) Certifikat mill-Medical Division
   e) Certifikat mill-Casualty Dept

vii) Kopja ta' ittra bid-data tat-18 ta' Marzu 1981 mill-kumpanija lis-Sur M Ellul

viii) Kopja ta' ittra ta' protesta bid-data 19/3/81 minn Dr Lawrence K Ellul MD lil General Manager ta' l-Imperial Products Ltd

ix) Kopja ta' ittra bid-data ta' 2 ta' April 1981 mill-Kumpanija lis-Sur M Ellul

x) Kopja ta' Memorandum tal-kumpanija bid-data tal- 5 ta' Gunju 1981 - rigward ir-regolamenti dwar il-mard

xi) Kopja ta' ittra bid-data tas-19 ta' Awissu 1980 mill-kumpanija lis-Sur Tony Spiteri - "Downgrading" u "Warning"

xii) Kopja ta' ittra bid-data tat-28 ta' Mejju, 1981 mill-kumpanija lis-Sur Tony Spiteri - "Warning"

xiii) Kopja ta' ittra bid-data ta' 1-1 ta' Settembru 1981 mill-kumpanija lis-Sur Tony Spiteri - Notifikazzjoni ta' tkeccija.

xiv) Kopja ta' Certifikat Mediku bid-data tal 31 ta' Awissu 1981 - mill Onor. J. Saliba M.D.

xv) Kopja ta' ittra (minghajr data) mis-Sur Tony Spiteri lil Manager tal-Imperial Products Ltd b'risposta ghall-ittra tal-1 ta' Settembru 1981 - (Vide xiii)

xvi) Kopja ta' ittra bid-data ta' 1-4 ta' Settembru 1981 mill-kumpanija lis-Sur Tony Spiteri

xvii) Kopja ta' ittra bid-data tal-14 ta' Settembru 1981 mill-kumpanija lis-Sur Tony Spiteri

xviii) Kopja ta' ittra bid-data tat-18 ta' Settembru 1981 mill-kumpanija lis-Sur Tony Spiteri.

5. Instemghu dawn ix-Xhieda

A. Ghall-Appellant

i) L-Onorevoli Dr Jos. Saliba MD - Tabib privat

ii) Is-Sur Tony Spiteri - L-appellant

B. Ghall-Kumpanija

i) Dr Alfred Bonnici MD - Tabib tal-Kumpanija

ii) Is-Sur John Visanich - Personnel Manager

iii) Is-Sur L. Freedman - Managing Director

6. Xhieda fil-Qosor

i) L-Onorevoli Dr Saliba kkonferma li nhar il-31 ta' Awissu 1981, kien hareg Certifikat li s-Sur Tony Spiteri "was suffering from Rhinitis and hence unable to attend for his workday date above". Dr Saliba xehed li meta wiehed ikollu rih bil-flissjoni ghandu joqghod almenu gurnata rtirat biex ikun mhux hazin.

Ghalkemm ix-xhud hu konvint li kien ezaminatlill-appellant nhar 31 ta' Awissu 1981, izda peress li kien ghadda hafna zmien, ma jiftakarx il-hin u fejn ezaminah lanqas jekk is-Sur Tony Spiteri kienx qallu jekk it-tabib tal-kumpanija kienx mar jinvistah.

ii) <u>Dr A Bonnici</u>: li ilu tabib tal-kumpanija Imperial Products Ltd ghal xi 13 il-sena, spiega l-procedura ta' meta wiehed jirraporta marid.

F'Awiisu tas-sena l-ohra, ix-xhud kien mar ezamina lis-Sur Spiteri u b'koincidenza ghal din l-okkazzjoni kien ha mieghu s-Sur Visanich, il-Personnel Manager, biex jurih id-difikultajiet li t-tabib jiltaqa' maghhom meta jkollu jinvista numru ta' mpjegati li joqghodu mxerrda madwar Malta kolla. Ghalhekk dak in-nhar ghal habta ta' 10.45 ta' fil-ghodu kien ezamina lill-appellant fil-prezenza tas-Sur Visanich u fl-opinjoni tieghu (tat-tabib Bonnici), is-Sur Spiteri seta' rrapporta ghax-xoghol dak in-nhar.

Dr Bonnici rrefera ghac-certifikat li jmur lura ghal 1979 li fuqu sar accenn li kien hemm xi "industrial injury" li garrab l-appellant u qal illi fid-9 ta' Mejju 1979, Dr L Fenech kien iccertifika lis-Sur Spiteri kien isofri minn 'Fibrostitis of the biceps muscle'. L-ghada fil-ghodu Dr Bonnici gie mitlub biex jinvistah u peress li dan kien qieghed jigi kkurat mit-tabib privat tieghu, allura hu (it-tabib Bonnici) semplicement hareg certifikat ghall-kumpanija ghaliex din hija l-procedura. F'kaz bhal dan it-tabib tal-kumpanija ma jinvolix ruhu fil-kura ta' l-individwu.

Imbghad it-Tabib Bonnici rrefera ghac-certifikat tal-15 ta' Mejju li s-Sur Spiteri attenda l-X Ray Department. Dak in-nhar it-tabib Bonnici ppresuma li l-appellant kien gie referit ghal St Luke's Hospital minn Dr Fenech u mhux minnu. Lanqas kellu x'jaqsam mac-certifikat ta' l-Isptar li kien hareg fl-Lulju ghaliex dan kien kwistjoni bejn Dr Fenech u St Luke's Hospital.

.../7

Fis-19 ta' Lulju, Dr Bonnici kien invista lis-Sur Spiteri d-dar u kien iccertifikah li kien qieghed jigi "investigated for injury of the right biceps muscle at St Luke's Hospital" biex jiggustifika l-assenza tieghu minn fuq ix-xoghol ghal dak il-perijodu. Dawk ic-certifikati li gew sottometti kienu xiehda li l-appellant kien jattendi St Luke's Hospital ghal kura u nvestigazzjonijiet varji bhala "Out Patient". Ghal mistoqsija tas-Sur Tabone, Dr Bonnici qal li matul is-sentejn ta' qabel ma l-appellant kien gie mkecci minn mal-kumpanija, kull darba li Dr Bonnici kien hareg certifikat fuq is-Sur Spiteri, ifisser li hu kull darba kien invistah.

<u>Fil-kontro ezami</u> Dr Bonnici qal li c-certifikat li jgib id-data ta' l-10 ta' Mejju, 1979, li kkoncerna l-korriment fuq ix-xoghol tas-Sur Spiteri, kien hargu l-ghada li Dr Fenech kien iccertifika li l-appellat kellu wgieh fir-"right biceps muscle".

Dr Bonnici xehed li ma deherlux li kien hemm xi kaz fl-Imperial Products Ltd li wara li ezamina xi mpjegat u ccertifikah li seta' jidhol ghax-xoghol, l-impjegat wara pproduca certifikat minn ghand it-tabib tieghu u hu (Dr Bonnici) iddiskuta l-kaz mat-tabib privat u b'rizultat tad-diskussjoni Dr Bonnici oltera c-certifikat li kien hareg originalment. Li seta' gara', kompla jghid Dr Bonnici, hu li jkollu certifikat ta' tabib iehor u meta "immur narah danll-individwu u jidhirli li c-certifikat tat-tabib l-iehor fl-opinjoni tieghi ma jkunx kif sibt is-sitwazzjoni jien."

F'dawn ic-cirkostanzi Dr Bonnici jikkomunika mat-tabib privat u jghidlu li mar jara lit-tali impjegat u li fl-opinjoni tieghu dan l-individwu jinkwetah u wiehed ghandu joqghod attent "ghaliex kapaci bhal ma jidhqu bija jidhqu bik" u wara li jiddiskuti il-kaz mat-tabib privat jaslu ghall-konkluzjoni bejniethom.

Dr Bonnici spjega l-problemi u d-diffikultajiet li jiltaqa maghhom meta jmur izur lill-impjegati li jirrapurtaw morda; izda hu dejjem jipprova jimxi b'onesta kbira ghaliex hu ghandu d-doveri professjonali tieghu x'jaqdi kemm lejn il-pazjenti u kemm lejn il-kumpanija li thaddmu.

.../8

iii) Is-Sur John Visanich: qal li normalment certifikati mahruga mit-tabib tal-kumpanija biss jigu accettati hlief meta t-tabib tal-kumpanija jkun imsiefer jew xi cirkustanzi simili. Rigward il-procedura tal-kumpanija f'kazijiet ta' "Industrial Injuries", ix-xhud qal li normalment l-impjegat jittiehed l-isptar u peress li generalment il-korriment jkun ta' natura hafifa, meta jintbaghat lura mill-isptar jgib mieghu formula apposta mahruga mid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali u meta jimlew id-dettalji rikjesti, din il-formula tintbaghat lid-Dipartiment koncernat u l-impjegat jkun jista jiehu "Injury Benefits".

Is-Sur Visanich ikkonferma li l-kumpanija ma ghandiex records li fi -1979 is-Sur Spiteri kellu "Industrial Injury". Skond ir-records tal-kumpanija l-appellant fl-1979 kien bis-Sick Leave u kien mar diversi drabi l-isptar ta' San Luqa pero mhux ghal "Industrial Injury".

Fil-31 ta' Awissu 1981 ix-xhud kien gie mitlub biex jikkompanja lit-tabib tal-kumpanija ghal visti tieghu ta' dak il-jum, u wahda mill-visti li kienu ghamlu tard fil-ghodu, kienet dik tas-Sur Spiteri u meta Dr Bonnici staqsa lill-appellant x'ghandu, is-Sur Spiteri wiegbu "Imbukkajtu Dott.". Wara li t-tabib ezamina lill-appellant fil-prezenza tax-xhud, irrizultalhu li ma kellu ebda sinjal ta' rih u per konsegwenza seta' jattendi ghax-xoghol dal in-nhar. Is-Sur Visanich qal li s-Sur Spiteri kien diga' kellu zewg kazijiet simili qabel dan u f'kull kaz gie moghti "Written Warning".

Kontro Ezami: Is-Sur Visanich qal li jaf li kien hemm xi kaz fejn it-tabib tal-kumpanija kien hareg certifikat li individwu ma kienx marid, izda wara li kkonsulta ruhu mat-tabib privat ta' l-individwu Dr Bonnici oltera c-certifikat li kien diga hareg.

Is-Sur Micallef issottometta kopja ta' ittra mibghuta mis-Sur Visanich lis-Sur M Ellul li ggib id-data tat-2 ta' April 1981, li tirrigwardja l-irtirar ta' "written warning" li l-kumpanija kienet harget lis-Sur Ellul ghaliex originalment it-tabib tal-kumpanija ma kienx iccertifikah b'marid, izda wara konsultazzjoni bejn it-tabib tal-kumpanija u t-tabib privat tas-Sur Ellul, gie stabbilit li

.../9

s-sintomi tal-marda zviluppaw wara l-vista tat-tabib tal-kumpanija Is-Sur Visanich qal li gieli kellhom xi kaz bhal tas-Sur Ellul ghaliex jista' jkun li fil-hin meta it-tabib privat jinvista lill-impjegat dan jkun veramant ma jiflahx imma fil-hin lit-tabib tal-kumpanija jkun mar jinvistah jsib li ma kellu xejn u f'cirkostanzi bhal dawn, cioe ta' dubbju, il-Management jiddeciedi favur l-impjegat.

Ix-xhud qal li f'kazijiet ta' dixxiplina bhal dan tas-Sur Spiteri, il-kumpanija tista' tkecci lill-impjegat mill-ewwel, izda fil-kaz tas-Sur Spiteri, il-kumpanija ma haditx din il-korsa ta' dixxiplina ghar-raguni li Mr Leslie Freedman ried jaghti n-notice kollu tat-terminazzjoni biex l-impjegat ikollu izjed "chance" jiddefendi ruhu.

iv) <u>Is-Sur Tony Spiteri</u>: ghamel referenza ghal "Industrial Injury" ta' l-1979 u qal li dak in-nhar kien hareg biex jimla d-diesel u nzerta kien hemm il-bowser biex jimla t-tankijiet u wara xi ghaxar minuti, il-manka "sparat", inqalghet minn got-tank u laqtilu fuq idu u haslitu kollu kemm hu bid-diesel.

<u>Kontro Ezami</u>: Is-Sur Spiteri qal li Dr L Fenech ilu hafna tabib kuranti tal-familja tieghu, izda nhar il-31 ta' Awissu 1981 kien baghat ghal Dr Saliba ghaliex Dr Fenech sal-11.30 ta' fil-ghodu ma jaghmilx visti fid-djar. Ghalkemm ix-xhud ma jiftakarx x'hin Dr Saliba mar jzuru d-dar, pero qal li kien zgur qabel nofs in-nhar - kien wara li hareg Dr Bonnici izda mhux ezattament wara. Lil Dr Saliba ix-xhud ma kienx qallu li Dr Bonnici ftit tal-hin qabel kien irrifjuta jiccertifikah b'marid. Dak in-nhar li "sparat" il-manka tad-diesel u laqtitu f'idu wara l-incident mar jirraporta u baghtuh id-dar. Ghalkemm sa dak il-hin l-appellant ma kien ghadu hass xejn, pero' l-ghada meta rritorna ghax-xoghol hass idu tugghu u nduna li kellu "rigi rqaq homor". Dan l-incident is-Sur Spiteri kien irrapurtah lis-Sur Schembri li hu wiehed mis-Superjuri tal-kumpanija. L-appellant temm ix-xhieda tieghu billi qal li huwa ghamel it-talba tieghu ghas-"Sick Leave" u mhux ghal-"Injury Leave" ghaliex ma kienx jaf bid-differenza tal-beneficcji ta' bejn dawn iz-zewg "entitlements".

v) <u>Is-Sur Leslie Freedman</u> qal li matul l-14 il-sena li ilu Managing Director tal-Imperial Products, numru zghir ferm ta' impjegati gew imkeccija ghar-ragunijiet simili bhal tas-Sur Spiteri. Ir-raguni li ma jippruvawx ikeccu impjegati l-barra hi li l-kumpanija jqumilha hafna flus biex tharreg l-istaff fis-sengha taghhom, allura il-Management ma jkeccix nies kif gieb u lahaq. Peress li l-kumpanija sa mill-bidu nett tal-formazzjoni taghha kella relazzjonijiet tajba mal-Union, kwalunkwe kaz li kien jehtieg xi azzjoni dixxiplinarja, Mr Freedman personalment kien jiddiskuti il-kaz ma dawk ikkoncernati, qabel ma jaslu ghal decizjoni, li finalment tigi kommunikata lill-impjegat mis-Sur Visanich, il-Personnel Manager, u fil-kaz tas-Sur Spiteri il-kaz tieghu kien gie wkoll diskuss max-"Shop Steward" u t-tabib tal-kumpanija.

Ix-xhud kompla jghid li l-Management iddiskuta l-kaz ta' l-appellant mas-Sur Arthur Micallef u x-"Shop Steward" u nfurmawhom li kienu se jkeccu lis-Sur Spiteri ghar-raguni li t-tabib tal-kumpanija ma kienx iccertifikah marid.

Minnkejja il-kaz tas-Sur Spiteri kien jimmeritah tkeccija immedjata, il-kumpanija hallietu jahdem il-perijodu tan-"notice" kollu, jigifieri mil-31 ta' Awissu sat 23 ta' Ottubru 1981 biex tatih cans bl-isperanza li l-appellant jirrispondi ghall-ittra li l-kumpanija kienet bghatitlu biex jaghti raguni accettabli ghaliex injora kompletament ir-regolamenti tal-kumpanija viz: n-nuqqasijiet tieghu ghal dak li huwa certifikazjonijiet mit-tabib tal-kumpanija. Dan il-mottiv il-kumpanija ghamlitu in-vista tar-relazzjonijiet eccellenti li jesistu bejn il-kumpanija u l-Union, izda minkejja dan, ir-risposta tas-Sur Spiteri kienet tikkonsisti li ma kienx jaf li l-imgieba tieghu kienet tikkostitwixxi ksur ta' regolamenti tal-kumpanija u ghaldaqstant jissobieh hafna ghal li gara. Mr Freedman temm jghid li din ir-risposta ma kienitx accettabli ghar-raguni li l-kumpanija kienet kitbitlu qabel fejn gibditlu l-attenzjoni li meta impjegat jassenta ruhu minn fuq ix-xoghol u t-tabib tal-kumpanija ma jiccertifikahx, dan il-fatt jikkostitwixxi ksur ta' regolament tal-kumpanija, u ghaldaqstant Mr Freedman ordna li s-Sur Spiteri jigi mkecci.

~~i) [illegible] -Sur Tom~~
~~Spiteri [illegible] l-Imperial [illegible] certifikati,~~
~~ghar-raguni li l-kumpanija wzat diskriminazzjoni fl-atteggjament taghha.~~

.../11

7. SOTTOMISSJONIJIET FINALI FIL-QOSOR

i) Is-Sur Arthur Micallef issottometta li tkeccija tas-Sur Tony Spiteri mill-impieg mal-Imperial Products Ltd ma kienitx gustifikata, ghar-raguni li l-kumpanija wzat diskriminizzjoni fl-attaggjament taghha. F'kaz simili bhal tal-appellant, impjegat iehor ma giex imkecci. Mix-xhieda rrizulta li l-"letter of warning" li kienet intbaghtet lis-Sur Mario Ellul giet irtirata wara li t-tabib tal-kumpanija ikkonsulta mat-tabib privat tieghu ghaliex originalment it-tabib tal-kumpanija rrifjuta li jiccertifika lis-Sur Ellul marid. Fil-kaz tal-appellant, il-kumpanija mxiet differenti; is-Sur Spiteri ghax ma rrapurtax ghax-xoghol fil-waqt li kien iccertifikat marid minn Dr Saliba li dak in-nhar li ezamina lis-Sur Spiteri sab li kellu "Rhinitis" u allura "almenq kellu jaghmel gurnata rtirat biex ikun mhux hazin". Minkejja ta' dan ic-certifikat mediku, it-tabib tal-kumpanija ma ddiskutiex dan il-kaz ma Dr Saliba kif kien ghamel fil-kaz precidenti jigifieri tas-Sur Ellul.

Is-Sur Micallef irrefera ghall-korriment li s-Sur Spiteri kien garrab waqt il-qadi ta' dmirijietu fuq ix-xoghol. Il-Management irid jaghti x'jifhem li dan ma kienx korriment, ghar-raguni li r-'records' tas-Sur Spiteri, wara li dan kien irrapporta l-Isptar ta' San Luqa kienu juru ta' "Sick Leave" u mhux ta' "Injury Leave".

F'dan ir-rigward, il-kumpanija agixxiet kontra l-ligi ghaliex ma rrappurtatx dan il-korriment lill-Awtoritajiet ikkoncernati u per konsegwenza dahhlet lis-Sur Spiteri fi spejjes ta' medicini u telfien ta' xoghol sal-present u ghad ma ghandu ebda hjiel ta' meta dan l-inkonvenjent fiziku u spejjes ta' medicini se jehles minnhom.

It-tkeccija tas-Sur Tony Spiteri mill-impieg iddisturbat il-hajja tieghu, ghaliex tilef is-sengha u l-karriera li kellu fl-industrija tal-manifattura tal-hwejjeg tal-fur u gild u kellu jerga jibda t-tahrig gdid f'xoghol ta' industrija differenti. Ghal dawn ir-ragunijiet terrm jghid fis-sottomissjonijiet tieghu is-Sur Micallef, it-Tribunal ghandu jikkonsidra favorevolment ghall-appellant billi jigi mhallas il-paga kif ukoll il-kontribuzzjonijiet tan-"National Insurance" ghal perijodu li dam qieghed.

ii) <u>Is-Sur Albert Tabone</u>: issottometta li s-Sur Tony Spiteri bazikalment tkecca minn mal-Imperial Products Ltd ghaliex fil-31 ta' Awissu 1981, l-appellant kien assenta ruhu minn fuq ix-xoghol u meta t-tabib tal-kumpanija mar jzuru d-dar irrizulta li ma kien marid xejn u ghalhekk Dr Bonnici irrifjuta li jiccertifikah marid.

Bejn Awissu 1980 u l-ahhar offiza li kienet nhar il-31 ta' Awissu 1981 l-appellant kellu zewg twissijiet dwar "Absenteeism" f'Awissu 1980 u Mejju 1981.

Fid-difiza ghan-nom ta l-appellant, it-Taqsima Tessuti giebet dawn l-argumenti, li:

a) Is-Sur Spiteri ma attendiex ghax-xoghol fil-31 ta' Awissu 1981 fuq ordni tat-Tabib J Saliba.

b) Is-Sur Spiteri ma twaqqafx mix-xoghol immedjatament u li l-Management hass li forsi kellu jitratta l-kaz tas-Sur Spiteri b'certu mod meta ma tterminalux l-impieg tieghu dak in-nhar stess.

c) Fl-1979 is-Sur Spiteri kien korra fuq ix-xoghol "u kien gie ezaminat mit-tabib tal-kumpanija fejn dan ikkonferma li s-Sur Spiteri ma kellu xejn x'izommu milli jkompli bix-xoghol regolari tieghu. Dak in-nhar tal-korriment, il-Management kien hass illi ma kellux joqghod fuq id-decizjoni tat-tabib tal-kumpanija u baghat lis-Sur Spiteri St Luke's Hospital fejn gie kkurat ghall-korriment serju".

Xhgara fil-31 ta' Awissu 1981, hareg mix-xhieda ta' Dr Bonnici u tas-Sur Visanich. Dr Bonnici xehed "if they are genuinely sick I issue a certificate and if in my openion they are not they are not issued with a certificate."

Mix-xhieda rrizulta li t-tabib tal-kumpanija li kien akkumpanjat mis-Sur Visanich kien zar lill-appellant nhar il-31 ta' Awissu 1981 bejn 10.30 u l-11 ta' fil-ghodu u din il-parti tax-xhieda ma gietx imwaqqa b'xi mod minn xhieda ohra jew waqt il-kontro ezami.

Dr Jos Saliba li kien iccertifika lis-Sur Spiteri bhar il-31 ta' Awissu 1981 ma setax jiftakar certu dettalji ghaliex kien ghadda hafna z-zmien.

.../13

Dr Saliba xehed li skond ic-certifikat tieghu, is-Sur Spiteri kellu Rhinitis li "jindika li dan kellu rih bil-flisjoni". Rigward il-hin li saret il-vista ta' Dr Saliba, dan hareg mix-xhieda tas-Sur Spiteri stess fejn qal li Dr Saliba mar izuru "mhux wara ezatt li hareg Dr Bonnici".

Bir-raguni ghalhekk wiehed jasal biex jassumi li Dr Saliba ezamina lis-Sur Spiteri bejn il-11.30 u nofs in-nhar. Haga ta' l-iskantament, kompla jghid is-Sur Tabone kif f'hin ta' siegha persuna tizviluppa sintomi ta' rih b'imniehru jqattar u li dan kollu jfieq sal-ghada fil-ghodu. Ta' min wiehed jinnota wkoll li l-appellant ma semma xejn lil Dr Saliba li t-tabib tal-kumpanija kien ghadu kemm invistah.

Dwar Punt (b) - kif spjega fix-xhieda tieghu Mr Freedman, il-kumpanija damet biex tittermina l-impieg tas-Sur Spiteri ghaliex riedet taghtih "chance", u sahansitra marru ghal laqgha ta' konciljazzjoni d-Dipartiment tax-Xoghol li ghaliha la attenda s-Sur Spiteri u lanqas ir-rapresentant ta' l-Union.

Ta' min jghid li l-kumpanija kellha kaz iehor simili bhal ta' l-appellant u wara li t-tabib tal-kumpanija u t-tabib privat tas-Sur Mario Ellul idduskutew il-kaz bejniethom, intlahaq ftehim. Is-Sur Arthur Micallef kien gie mfurnat minn Mr Leslie Freedman li s-Sur Spiteri seta' jaghmel l-istess bhas-Sur Ellul u t-tobba jitkellmu bejniethom izda din il-laqgha ma saret qatt.

Dwar punt (c) kemm mix-xhieda ta' Mr Visanich u dik ta' Dr Bonnici kif ukoll mic-certifikati li kienu ppresentati, m'hemm ebda prova li dak li gara fl-1979 kien bhala rizultat ta' korriment fuq ix-xoghol, wisq anqas li kien hemm xi nuqqas da parti ta' Dr Bonnici kif forsi wiehed seta' jifhem. Li thallas min-"National Insurance" kien "Sickness Benefit" u mhux "Injury Benefit" u ghalhekk dan il-punt hu totalment irrelevanti.

F'dawn ic-cirkostanzi il-kumpanija tikkontendi li l-piena serja tat-tkeccija fil-kaz tas-Sur Tony Spiteri kienet ghal raguni gusta.

.../14

8. KONSIDERAZZJONIJIET TAT-TRIBUNAL

Ir-ragunijiet li ressqet il-kumpanija biex tiggustifika t-tkeccija mill-impieg tas-Sur Tony Spiteri bazikament kienu dawn:-

A. Li l-assenza tas-Sur Tony Spiteri tmur kontra Klawsoli nru. 14 u 15 tal-Collective Agreement bejn il-kumpanija u l-General Workers Union.

B. Li s-Sur Spiteri kien diga' kellu zewg twissijiet bil-miktub fuq offizi simili.

Ghalhekk it-Tribunal ser jiskarta sottomissjonijiet u kwistjonijiet li fl-openjoni tieghu mumhiex relevanti ghal kaz.

Ma hemm ebda dubbju li l-appellant ma kienx jaf ir-regolamenti tal-kumpanija ghal dak li jirragwarda l-assenza ta' l-impjegati minghajr certifikat mahrug mit-tabib tal-kumpanija.

Kull haddiem responsabbli, specjalment jekk dan ikun Membru ta' Union kif kien is-Sur Spiteri, huwa fid-dmir li jkun jaf id-drittijiet u d-dmirijiet li jaghtih "Collective Agreement" u regolamenti legittimi ohra li johorgu minn zmien ghal zmien.

Klawsola numru 14 tal-Collective Agreement tghid:-

".. .. .. When an employee is absent from work without due notice and/or a valid reason, the Company shall, in the first instance warn him and in cases of repeated absenteeism to suspend and/or dismiss him/her."

Klawsola numru 15 i) a. tghid:

"The Company's medical adviser must be informed and only the certificate issued by him shall be valid".

L-appellant tant kien jaf b'dawn ir-regolamenti li fit-18 ta' Awissu 1980 meta lmenta li kien ma jiflahx fuq ix-xoghol u l-Management baghtu d-dar, it-tabib tal-kumpanija mar invistah u rrizulta li ma kellu xejn li jiggustifika l-assenza tieghu minn fuq ix-xoghol, kien ghalhekk gie mwissi u "Downgraded".

.../15

Minkejja din it-twissija u d-denozzjoni, is-Sur Spiteri f'Mejju 1981 rega' assenta ruhu minghajr gustifikazzjoni ghaliex it-tabib tal-kumpanija ma' ccertifikahx marid.

Fix-xhieda tieghu Dr Saliba qal li fil-31 ta' Awissu 1981, meta kien iccertifika lill appellant b'"rhinitis" ma setax jiftakar jekk is-Sur Spiteri kienx qallu li daqs siegha qabel it-tabib tal-kumpanija kien invistah u rrifjuta jiccertifikah marid. L-istess verzjoni harget mix-xhieda tas-Sur Spiteri ghax ma ftakarx jekk kienx qal lil Dr Saliba li xi siegha qabel it-tabib tal-kumpanija wara li ezaminah kien irrifjuta li jiccertifikah b'marid. In-nuqqas ta' komunikazzjoni bejn is-Sur Spiteri u-t-tabib joholqu ombra ta' dubbju fil-genwinita' ta' l-appellant.

It-Tribunal pero' ma jeskludix il-possibilita' u l-probabilita' li bniedem jista jizviluppa sintomi ta' mard f'xi hin mhux hafna qabel jew wara li jigi nvistat minn tabib; per konsegwenza jista' jirrikorri ghal tabib privat qabel jew wara li jigi nvistat mit-tabib tal-kumpanija; jkun xieraq li l-impjegat jinformaw lit-tobba bil-viziti ta' xulxien u dan ghandu jsir qabel ma t-tobba jiktbu c-certifikati taghhom rispettivi.

Din ir-rikomandazzjoni tevita certu dizgwid bejn it-tobba tal-kumpanija u t-tobba privati ta' l-impjegati, kif ukoll hafna inkwiet bla bzonn bejn il-Management u l-impjegati.

It-tobba tal-kumpaniji ghandhom dmirijiet hafna delikati x'jaqdu u dawk l-impjegati li jkunu kostretti li jirrikorru ghas-servizz taz-zewg tobba ghandhom jzommu kommunikazzjoni bejn it-tobba jekk dawn ihossu li verament huma genwinament morda.

Din ir-rikomandazzjoni tat-Tribunal qeghda ssir minghajr ebda pregudizzju ghal xi ftehim li jista' jkun hemm bhal dak li hemm fi klawsoli numru 14 u 15 tal-"Collective Agreement" bejn il-General Workers Union u l-Imperial Products Ltd, li jghidu esplicitament li certifikat tat-tabib tal-kumpanija biss huma validi.

Kif irrizulta mill-kaz tas-Sur Ellul, li kien sa certu punt simili bhal dak ta' l-appellant, il-kumpanija kienet waslet fi ftehim accettabbli ghaz-zewg partijiet u l-kaz inghalaq. Kienet veramnet hasra li fil-kaz tas-Sur Spiteri ma sarx l-istess ghaliex kieku kienet tigi evitata t-tkeccija ta' l-appellant, bil-problemi u l-konsegwenzi li giebet maghha.

L-absentizmu minghajr raguni huwa wiehed mill-fatturi li qeghdin jherru l-industrija u l-Management jkollu jahli parti mill-energija u l-attenzjoni biex isolvi dan il-problema li kull ma jmur, sfortunatament, aktar qieghed jizdied, specjalment l-abbuz tas-"Sick Leave" ta' jum wiehed. Dan l-abbuz huwa piz zejjed u bla bzonn ghaliex l-industrija ghandha pizijiet ohra inevitabbli x'terfa, fil-waqt li trid izzomm il-kompetizzjoni mas-swieq internazzjonali.

Meta t-Tribunal ezamina bir-reqqa kolla il-kaz, sab li s-Sur Spiteri naqas serjament bl-ingieba tieghu izda wiehed irid jara jekk il-kastig li nghata kienx relativament gust fic-cirkostanzi.

It-Tribunal ilu ghal zmien twil itenni li l-impieg li huwa l-ghajn ta' l-ghejxien tal-haddiema u tal-familja tieghu, huwa sagru u tkeccija ma tistax tinghatalu bhala kastig jekk ma tkunx ghal xi offiza gravi u f'kazijiet bhal dan in kwistjoni, jrid ikollu, qabel ma wiehed jinghata il-piena ta' tkeccija, numru ta' twissijiet preferibbilment bil-miktub.

Fil-kaz tas-Sur Spiteri kellu zewg twissijiet bil-miktub fl-ahhar erbatax il-xahar ta' matul l-impieg tieghu ta' hames snin u erbgha xhur.

9. AWARD

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal ma jikkunsidrax li n-nuqqasijiet ta' l-appellant kienu jammontaw ghall-"absenteeism" li jimmeritah tkeccija li hija l-piena kapitali fil-kamp ta' relazzjonijiet industrijali. It-tkeccija ghalhekk f'dan il-kaz hija ngusta.

Peress li l-appellant ma talabx "reinstatement", it-Tribunal wara li ha inkonsiderazjoni meta f'Mejju 1980, is-Sur Spiteri kien assenta ruhu minghajr raguni valida gie ikkastigat b'demozzjoni: jordna li l-ewwel tliet xhur mid-data li gie mkecci jkunu minghajr paga, u l-kumplament tal-perijodu li ghamel ma jahdimx, il-kumpanija thallsu il-paga shiha. Il-kontribuzjonijiet tan-"National Insurance" jithallsu mill-partijiet skond il-ligi. Dawn il-pagamenti ghandhom isiru sa mhux aktar tard mill-31 ta' Awissu, 1982. B'hekk, it-Tribunal jtemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

A. DEBONO
Chairman

A. BARTOLO PARNIS
Segretarju

Data: 19 ta' Awissu, 1982